*Leħen is-Soċjetà Mużikali*

# San Lawrenz

*Belt Vittoriosa A.D. 1883*




**#ilbandatalbirgu**

**Ħarġa Nru. 139**

**MARZU 2025**

## Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com



## Olde City Pub

*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

## Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Ħamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

your events & weddings caterer

SALES@NERIKU.COM 2166 0505



# Il-Kelma tal-President

*Bjorn Callus*

F'dawn l-aħħar ġimgħat, il-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz skadielu t-terminu tiegħu ta' sentejn, u fil-fatt, fil-bidu ta' Marzu ġie elett kumitat ġdid għas-sentejn li ġejjin. Il-kumitat elett għandu fi ħdanu diversi membri ġodda, filwaqt li kien hemm oħrajn li għażlu li ma jerġgħux jikkontestaw għall-kumitat. Fil-fatt, irrid nieħu l-opportunità sabiex minn qalbi nirringrazzja lil dawk li, għal raġuni jew oħra, għażlu li ma jiffurmawx parti mill-Kumitat għas-sentejn li ġejjin għax-xogħol kollu tagħhom matul dawn is-snin. Fl-istess ħin, jien persważ li ser insibuhom jappoġġjaw lill-Kumitat fix-xogħol tiegħu u jkunu minn ta' quddiem li joffru l-għajnuna tagħhom.

B'ħarsitna 'l quddiem, nagħti merħba fi ħdan il-Kumitat tas-Soċjetà lis-Sur Noel Castillo kif ukoll lis-Sur Andrew Pisani. Filwaqt li għas-Sur Castillo din ser tkun l-ewwel esperjenza tiegħu fil-Kumitat tas-Soċjetà, għas-Sur Pisani huwa fil-fatt ritorn lura, hekk kif ftit snin ilu kien diġà jifforma parti mill-Kumitat tagħna. Ninsab ċert li flimkien mal-membri l-oħra tal-kumitat li għal darb'oħra ġew eletti, ser naħdmu tajjeb flimkien u nilħqu l-miri u l-objettivi li għandna quddiemna, għaliex ilkoll kemm aħna għandna għal qalbna s-Soċjetà tagħna.

Interessanti kif meta l-Editur ta' din in-Newsletter jibgħatli għall-artiklu, nirrealizza kif ikunu għaddew tliet erba' xhur mill-aħħar ħarġa. U fil-fatt, jekk fl-aħħar ħarġa tkellimna fuq il-Festi tal-Milied, f'din ser nitkellmu fuq il-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Għal diversi, dawn il-festi huma l-isbaħ żmien tas-sena, fejn min hu dilettant iħobb idur il-wirjiet u l-knejjes filwaqt li jisma' l-kant Gregorjan jew il-marċi funebri. U għal darb'oħra, is-Soċjetà tagħna, pijuniera f'dan il-qasam, fejn apparti l-ammont ta' albums irrekordjati, kienet l-ewwel Soċjetà li ppubblikat kollezzjoni ta' albums fuq USB, issa se terġa' tpaxxi lid-dilettanti. Dan għaliex l-albums kollha tal-Marċi Funebri, mis-sena 1985 sas-sena 2022, jinsabu fuq il-profil uffiċjali tas-Soċjetà fuq Spotify. Verament xalata għal min irid jisma' marċi funebri mill-isbaħ!

Dawn il-festi għandhom jimmarkaw ukoll l-inawgurazzjoni mill-ġdid tal-Pjazza tagħna, fejn, 'il bogħod mid-diskussjoni ta' jekk hijiex aħjar issa jew kif kienet, ser inkunu qed naraw xi tibdiliet fir-rotot tal-purċissjonijiet tagħna. Bħala Soċjetà tkellimna fid-dettall mal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira, u jidher li l-ideat huma komuni. Minkejja li ser naraw xi tibdil, personalment verament nemmen li xi



tibdil ser ikun qed isebbaħ il-purċissjonijiet tagħna. Nieħu spunt hawnhekk sabiex nħeġġeġ lid-dilettanti kollha biex isegwu l-paġna tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira tal-Parroċċa tagħna u jattendu għall-attivitajiet u l-purċissjonijiet li ser ikunu qed jiġu organizzati.

U la darba semmejt il-proġett, ma nistax ma nirringrazzjax lill-Kunsill Lokali Birgu, u b'mod partikolari lis-Sindku John Boxall, fejn bl-insistenza tiegħu llum m'għadniex naraw wires tad-dawl fil-pjazza tal-Birgu. Fl-istess ħin, u anke bil-ħidma tal-istess Sindku, ttieħdet l-opportunità biex is-supply tad-dawl għall-każin isir minn taħt l-art u mhux mill-faċċata kif kien, biex b'hekk issa għandna faċċata ta' Palazzo Huesca mingħajr l-ebda wires u cables għaddejjin. Tassew ġawhra li issa qed ngawduha b'mod komplet.

Wara li fil-bidu tas-sena sar ix-xogħol fis-Sala tal-Billiard, fejn issa għandna żewġ imwejjed armati sew kif ukoll saru interventi fuq il-ħajt u anke fuq xi bankijiet, ix-xogħol fil-każin baqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel, u bħalissa ninsabu fil-fażi li nagħlqu xi proġetti bħal dak tal-Arkivju ż-Żgħir kif ukoll tas-Sala tal-Kunċerti, biex imbagħad ħarsitna tintefa' fuq il-proġett tal-bini u tal-lift. Verament nħares 'il quddiem li jasal dak il-mument li nibdew ngawdu dawn il-faċilitajiet fil-każin tagħna, għaliex iżjed ma jgħaddi żmien, iżjed nagħraf kemm dawn huma importanti sabiex il-membri tagħna jkunu jistgħu jgawdu u anke jipparteċipaw fl-attivitajiet soċjali li jiġu organizzati.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu fuq nota ftit differenti. Kif ħafna jafu, matul l-aħħar xhur jien bdilt ix-xogħol professjonali tiegħi, u filwaqt li żdiedet ir-responsabbiltà, żdiedu wkoll l-impenn u l-ħinijiet, biex ma nsemmix is-safar barra minn Malta. Għaldaqstant, m'għandix il-possibbiltà li nkun preżenti daqs kemm kont qabel, imma nwiegħed li dan mhux ser inaqqas mill-impenn li għandi lejn is-Soċjetà tagħna. Nwiegħedkom li ħilti ser nibqa' nagħmilha sabiex nibqgħu naraw lil *Palazzo Huesca* miżmum bl-aqwa mod u lill-banda tagħna tibqa' banda ta' isem bil-fatti.

Minn qalbi, nawguralkom Għid it-Tajjeb.

Tislijiet.

## Werrej

Il-Kelma tal-President.....................p.3
San Ġużepp, siket, ittama, emmen..p.5
Id-Daqq tal-Mużika fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu...........p.7
Carlo Gesualdo da Venosa.............p.10
Wiċċ imb wiċċ ma' Josmar Mifsudp.............................p.11
Apprezzament lis-Sur Lorenzo Zahra.........................p.13
Tagħrif mill-Kċina.........................p.14

***Editur***
Adrian Vella

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia

**Proof Reading**
Adrian Vella

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb
Pierre Balzia

**Ritratt Faċċata**



*L-istatwa ta' Kristu fl-Ort quddiem Palazzo Huesca waqt il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.*

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com

MIRACLE FOODS

# MAKE IT A SIZZLING SUMMER



# San Ġużepp: siket, ittama u emmen

*Patri Martin Mamo OFMCap.*



**Marija siktet: biex ikun Alla li jikkonvinċi lil Ġużeppi**

F'dan il-Ġublew tat-Tama San Ġużepp iħeġġiġna biex ma nibżgħux nilqgħu lil Ibnu, għax huwa ma jxekkilx l-umanità tagħna iżda jsebbaħha. Ibnu Ġesù huwa tama ġdida għal umanità ġdida. Kif itenni jgħid San Pawl: "It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj, li hu s-Salvatur tal-bnedmin kollha, l-aktar ta' dawk li jemmnu." (1 Tim. 4:10)

San Ġużepp jispikka ferm f'din id-dinja li qed ngħixu fiha. Jispikka bħala mudell, dawl, kewkba, xemx għalina l-Insara, fejn it-tama f'Alla hija wisq imbiegħda. Huwa fatt li qed ngħixu f'konfużjoni ta' ideat, ta' esperjenzi, ta' ġrajjiet anki li jmissu u jħokku magħna. Huwa f'dan l-ambjent li San Ġużepp joħroġ bħala missier ideali u bħala raġel ideali…

San Ġużepp seta' jagħraf min hi Marija tassew u jilqa' lil Ġesù bħala ibnu billi jħares 'il fuq fis-skiet b'tama, u billi ma jimxix waħdu u ma jaġixxix waħdu. Kellu tama sħiħa fil-Mulej u ntelaq għalkollox f'idejn il-Mulej.

San Ġużepp, għalkemm ħares 'il fuq, fil-bidu qal: "Nitlaqha bil-moħbi tan-nies, lil Marija." Min-naħa l-oħra l-Madonna, meta rat lil Ġużeppi hekk ikkonfondut, bħal jiddubita minnha, wieġbet fis-skiet, ma qaltlu xejn, xejn, xejn… Huwa Alla li kkonvinċa lil San Ġużepp, u mhux Marija.
**Marija siktet, biex Alla jikkonvinċi.** U Ġużeppi jaċċetta l-Kelma t'Alla.
Ġużeppi ma jitkellimx fl-Evanġelju… Kemm huwa sabiħ li f'mumenti iebsa fil-ħajja nieqfu u nħallu lil Alla jitkellem. Din hija t-tama li rridu nimirħu fiha f'dan il-Ġublew, li bħal Abram, San Ġużepp siket, ittama u emmen.

- **Alla qal lil Ġużeppi:**

***Ilqagħha lil Marija, għax dan kollu xogħol tal-Ispirtu s-Santu, anki jekk m'intix qed tifhmu. Dak li qed jiġri rridu jien. Dak li qed jiġri fiha se jservi 'l quddiem. Bħalissa qed tara biss dlam. Dan li qed jiġri fiha se jiswa għalik u għaliha u għad-dinja kollha ħelsien u salvazzjoni.***

Il-pjanijiet t'Alla jgħaddu minn dawn il-mumenti. San Ġużepp seta' jisma' l-Kelma t'Alla fis-skiet. L-atteġġjament tas-smigħ poġġa lil qalbu f'sintonija m'Alla biex jittama fih u jagħmel ir-rieda tiegħu: "Widnejja inti ftaħtli; hawn jien, ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek." Salm 40

Ġużeppi tkellem m'Alla fis-skiet. Niżżel għeruqu f'Alla u bena ħajtu fuq Alla. San Ġużepp sar il-missier maħbub-ubbidjenti, il-missier kuraġġuż-ħabrieki-ħarries tar-Redentur. Dawn il-virtujiet għamlu minnu bniedem ġust. Interessanti ninnutaw li dawn il-virtujiet kollha għandhom għeruqhom fis-skiet.

**Biex tkun bniedem ta' tama trid tkun taf tisma' fis-skiet.**
San Ġużepp għallem lil Ġesù biex jgħix it-talba "Isma', Israel" (Dt. 6.2).
Biex jisma' lill-Mulej fis-skiet… u biex iħobb il-Mulej b'qalbu kollha u lil għajru bħalu nnifsu.

Ejjew ninħakmu mis-silenzju ta' San Ġużepp. Is-skiet iġibna konxji mill-preżenza t'Alla. Mhux jien imma huwa Hu fiċ-ċentru tal-istorja. San Ġużepp żamm is-skiet biex ikun Alla ċ-ċentru u mhux hu. Sib mument ta' skiet. Is-skiet jitlob impenn. Id-dinja teħdilna kollox, anki l-ħin, imma mhux is-skiet jekk trid inti. Fis-skiet tiltaqa' miegħek innifsek u m'Alla b'responsabilità. Kemm hu sabiħ li fis-skiet tistenna l-waqt t'Alla li jkellmek. Trid is-skiet biex tara jekk dak li ġej fuqek hux minn Alla jew minnek innifsek jew mix-xitan. Trid is-skiet biex tagħmel dixxerniment. Fis-skiet San Ġużepp wera fiduċja u tama f'Alla. Trid is-skiet fil-mument iebes mal-marid. Trid is-skiet fl-adorazzjoni meta tadura r-rieda t'Alla f'ħajtek. Trid is-skiet tal-abbandun f'idejn il-Mulej, mhux tiddetta lil Alla x'għandu jagħmel. Is-skiet u l-fiduċja huma l-ġwienaħ tal-istess ajkla. Jekk jien nafda f'Alla rrid niskot, u meta niskot inkun nista' nittama u nemmen li Alla jinsab miegħi fl-istorja ta' ħajti.



Iva, għażiż San Ġużepp, għallimna nisktu u nisimgħu s-skiet, is-silenzju, biex flok nitkellmu u naġixxu, fis-skiet jitkellem Alla. "Jien neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem." (Hos. 2:16)

Kemm hu sabiħ li nosservaw fl-istorja tal-poplu Lhudi kif Alla fid-deżert ħares il-poplu Lhudi. Alla temgħu l-manna u sqieh l-ilma mill-blat. Fid-deżert fil-prekarjat Alla tah il-kmandamenti u pproteġieh. Fis-skiet aħna nindunaw li Alla hekk ukoll qed jaġixxi magħna, u jkellimna bl-istess ġrajjiet tagħna.

Kultant lil Alla ngħidulu: ***"Dan qisu mhuwa xejn għalik? Kif jista' jkun li hemm tbatija ta' din il-kwalità u int tibqa' ċass?"***

Is-skiet huwa don f'sintonija m'Alla biex bħal Samwel ngħidlu, ***"Tkellem, Mulej."*** Minflok, aħna ngħidu: "***Iskot, Mulej."***

Hemm bżonn li noqogħdu fis-skiet, mhux m'aħniex kapaċi nagħmlu dan. Kapaċi nieħdu pariri, imma mhux minn Alla fis-skiet. Kapaċi nieħdu pariri minn nies professjonisti, u nagħmlu sew, imma ftit qed nieħdu parir mill-għajn primarja, li huwa Alla. Din hija l-karatteristika ta' kull Nisrani, li nħarsu 'l fuq, li nagħmlu mumenti ta' skiet u riflessjoni fil-familji tagħna, li nitolbu.

Irridu nieqfu nirriflettu u nitolbu fil-familji tagħna, xi ħaġa li m'għadhiex moda. Mhux li nitolbu biss m'għadhiex moda, imma lanqas li nirriflettu u naħsbu m'għadu moda. Il-bniedem tal-lum tant huwa mdorri li meta jagħfas buttuna jiġih kollox b'mod spontanju li lanqas biss jieqaf jaħseb bejn dak li jixtieq u dak li jrid.

L-ewwel punt huwa li aħna bħala bnedmin ma nistgħux naġixxu u nkunu awtentiċi jekk aħna ma ndaħħlux f'ħajjitna mumenti ta' riflessjoni u mumenti ta' komunikazzjoni diretta m'Alla fit-talb fis-skiet.

Innutaw li lil Ġużeppi qatt ma nsibuh mifxul, ikkonfondut u ppanikkjat quddiem id-diffikultà, u kellu… u kif… imma dejjem jaf x'se jagħmel, għax dejjem ittama f'Alla. Dejjem għandu soluzzjoni fil-but, għax dejjem ittama f'Alla. Ġużeppi għandu kapaċità kbira ta' addattabilità. Ġużeppi għandu libertà kbira, kapaċità bil-qawwa li jagħtih l-Ispirtu t'Alla, għax hu f'kuntatt ma' Alla, li joħroġ l-aħjar u l-aqwa bejn kull sitwazzjoni.

Fil-Vanġelu nsibuh il-ħin kollu bħala bniedem prattiku, bniedem li jiddeċiedi… dak li hemm bżonn jagħmlu… u jagħmlu malajr. Insibuha kemm-il darba fl-Evanġelju: kif qam Ġużeppi jaqbad lit-tifel u lil ommu u jaħrab lejn l-Eġittu. Ġużeppi dejjem huwa l-attiv, dejjem jieħu l-inizjattiva, dejjem jagħmel xi ħaġa, anki jekk ma jitkellimx. Ġużeppi mhux ta' ftit kliem imma ta' xejn kliem, però ta' ħafna azzjoni u għemil.

Talba:
San Ġużepp, li kellek tama sħiħa f'Alla l-ħaj, għallimna nisktu biex fis-skiet tagħna mill-istorbju tad-dinja nkunu kapaċi nisimgħu lil Alla.

# Id-daqq tal-Mużika fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu

*Kitba ta' George Agius*

***Il-mużika, sa minn mijiet ta' snin ilu, kellha rwol importanti fil-manifestazzjonijiet ċivili u reliġjużi f'dawn il-Gżejjer, u l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira mhumiex eċċezzjoni. Din il-purċissjoni, li tiġbor fiha elementi ta' devozzjoni, riflessjoni u tradizzjoni, ssir aktar solenni bil-ħoss kiebi tal-marċi funebri mill-banda li tkun qed takkumpanjaha. Dan il-ħoss mhux biss iżid l-element emozzjonali u spiritwali, imma jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' atmosfera ta' rispett u kontemplazzjoni fost dawk preżenti. Tul is-sekli, is-sehem tal-mużika sagra u funebra fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu evolva u żviluppa, u llum, bla dubju ta' xejn, sar element essenzjali li jkompli jagħti identità distintiva lil din it-tradizzjoni.***

**L-Ordni ta' San Ġwann u d-Devozzjoni lejn il-Passjoni**

Il-wasla tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1530 kellha impatt sinifikanti fuq it-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Kristu fil-Birgu. Għal aktar minn erbgħin sena, huma addottaw il-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz bħala l-Knisja Konventwali tagħhom,[1] fejn, fost l-oħrajn, kienu jiċċelebraw b'qima kbira l-funzjonijiet liturġiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa, inklużi l-ħasil tar-riġlejn f'Ħamis ix-Xirka, il-Qima tas-Sepulkru u l-Adorazzjoni tas-Salib.[2]

Il-Kavallieri kienu strumentali wkoll fl-introduzzjoni jew fit-tisħiħ tad-daqq tal-mużika fil-manifestazzjonijiet reliġjużi u ċivili. Aktar tard, kmieni fis-seklu 18, meta l-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Birgu ħadet f'idejha r-responsabbiltà tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li toħroġ mill-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz,[3] hija wkoll bdiet tistieden mużiċisti biex jieħdu sehem bid-daqq tal-mużika sagra.[4] Fl-istess waqt, il-Kaptan tax-Xwieni, residenti fix-Xatt tal-Birgu, kien jibgħat stakkament ta' suldati biex jagħmlu gwardja tal-unur mal-urna ta' Kristu mejjet (il-Monument).[5]



**Strumenti u Mużiċisti**

Forsi hawn tqum il-mistoqsija: Kemm kien ikun in-numru ta' mużiċisti li kienu jakkumpanjaw il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira dik il-ħabta? U liema strumenti kienu jindaqqu? Jekk inħarsu lejn karikatura tas-seklu 18, li turi l-purċissjoni ta' nhar il-festa ta' San Lawrenz, u li tinsab fil-Mużew tal-Parroċċa tal-Birgu, nistgħu nieħdu idea tajba kemm dwar in-numru ta' mużiċisti kif ukoll dwar liema strumenti possibbilment kienu jindaqqu waqt il-purċissjonijiet ta' dak iż-żmien.[6]

Dokument importanti li jkompli jixħet dawl fuq dan is-suġġett huwa r-rendikont tal-ispejjeż relatati mat-translazzjoni tar-Relikwarju tal-Passjoni, jew kif inhu magħruf l-aktar, il-Volto Santo. Din il-purċissjoni saret nhar l-10 ta' Ġunju 1753, u bdiet mill-Palazz tal-Inkwiżitur u ntemmet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz. Minn dan ir-reġistru nsibu li f'dik l-okkażjoni kienu ħadu sehem tliet fifri, sitt strumenti tan-nifs, sitt trumbetti, sitt itnabar u għadd ta' flawtijiet.[7]

**Baned Militari u Lokali**

Fl-ewwel snin tal-ħakma Brittanika f'Malta, jidher li fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu, post il-mużiċisti ttieħed mill-baned militari.[8] Fl-istess waqt, quddiem l-Urna ta' Kristu Mejjet, bdew jakkumpanjaw bħala gwardja tal-unur għadd ta' suldati Maltin, filwaqt



*Il-Pjazza tal-Birgu fil-Ġimgħa Mqaddsa tal-Imgħoddi*



*Karikatura tas-seklu 18 li turi xi mużiċisti jakkumpanjaw waqt il-purċissjoni tal-festa ta' san Lawrenz*

li żewġ suldati oħra kienu jdoqqu noti kiebja fuq il-flawt u tanbur.[9] Dawn issostitwew l-istakkament ta' suldati li għal snin twal kienu jiffurmaw gwardja tal-unur fi żmien meta dawn il-gżejjer kienu taħt il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Skont ma jingħad, wara t-twaqqif ta' banda lokali fil-Birgu bl-isem ta' Unione fl-1883, ma għaddiex wisq żmien sa ma' din bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi takkumpanja bid-daqq tal-marċi funebri.[10] Dan l-iżvilupp wassal biex din ħadet post is-sehem ta' banda militari. Madankollu, ftit tas-snin wara, sew sew fl-1889, il-fratelli tal-Kurċifiss iddeċidew li l-banda tal-Birgu ma takkumpanjax aktar fil-purċissjoni, għax qalu li kienet qed tiddistratta lin-nies u ttellef id-devozzjoni. Minħabba f'hekk, minn dik is-sena l-banda Tal-Palma ma baqgħetx takkumpanja l-purċissjoni u minflok bdiet iddoqq fil-pjazza waqt li din kienet tkun għaddejja minn hemm, filwaqt li fid-dħul tal-purċissjoni, kienet iddoqq quddiem il-knisja parrokkjali.[11] Din il-prassi damet fis-seħħ għal aktar minn erbgħin sena, sakemm matul il-parrokkat tal-Arċipriet, il-Kanonku Dun Ġużepp Farrugia, il-banda ngħatat il-permess biex wara li tesegwixxi programm mużikali fil-pjazza, terġa' tibda takkumpanja l-purċissjoni, quddiem il-vara l-kbira, kif għadha tagħmel sal-lum.[12]



*L-arċipriet Kan Ġużeppi Farrugia*

**Repertorju vast u għani**

Fi żmien meta l-banda ma kinitx permessa takkumpanja fil-purċissjoni, hija ħadet l-opportunità biex, flimkien mal-marċi funebri, tesegwixxi wkoll kompożizzjonijiet sagri klassiċi. Fost dawn insibu li fl-1891, is-Surmast Gaetano Grech esegwixxa l-Stabat Mater ta' Rossini, l-istess bħalma kien għamel sentejn qabel Mro. Carmelo Abela.[13]

Meta d-direzzjoni tal-Banda Duke of Edinburgh għaddiet għat-tieni darba f'idejn is-Surmast Giovanni Giumarra, bejn l-1912 u l-1924, dan ikkompona u esegwixxa diversi marċi funebri ġodda, fosthom *Dolore*, *Mesto Ricordo*, *Sul Golgota*, u *Fatalità*. Mal-wasla ta' Mro. Carl Maria Artz fl-1925, flimkien mar-repertorju tradizzjonali, huwa beda jinkludi mużika sagra klassika ta' kompożituri rinomati bħal Schubert, Beethoven, Chopin, u Mozart.[14]



*Karikatura tas-seklu 18 li turi xi koristi u mużiċisti jakkumpanjaw waqt il-purċissjoni tal-festa ta' san Lawrenz*

Fi żminijiet ta' tranżizzjoni, bejn it-tmiem tal-kariga ta' surmast direttur u l-ħatra ta' ieħor ġdid, il-Banda Duke of Edinburgh xorta waħda onorat l-appuntament annwali tagħha waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu. Dan seħħ fl-1910, meta kienet immexxija temporanjament minn Ġużeppi Frendo. Dakinhar, huwa ħa l-okkażjoni biex esegwixxa żewġ marċi



*Il-vara tal-Ort għaddeja minn Strada Brittanica imġġarrfa, f'waħda mill-ewwel purċissjonijiet ta' wara l-Gwerra*

sbieħ miktuba minnu – *Viaggio al Calvario* u *Le Tenebre*. L-istess għamel Paċifiku Scicluna fl-1924, meta esegwixxa l-marċ ta' Lorenzo Galea, *Sulla Tomba del Mio Fratello*, li ntlaqa' tajjeb ħafna minn dawk preżenti.[15]

Illum, l-arkivju mużikali tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, fost l-oħrajn, jiġbor fih repertorju rikk u vast ta' mużika sagra klassika kif ukoll għadd kbir ta' marċi funebri, ta' kompożituri Maltin kif ukoll barranin. Fost dawn insibu xogħlijiet tal-Kanonku Luigi Fenech, Giovanni Giumarra, Giuseppe Frendo, Paċifiku Scicluna, Gioachino Rossini, Angelo Melilli, Franz Schubert, Lorenzo Galea, Hector Dalli, Paul Schembri, u anke tas-Surmast preżenti Jonathan Abela.[16]

**Servizz Kostanti**

Wara snin twal ta' servizz u impenn kontinwu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu, il-parteċipazzjoni tal-banda ġiet interrotta għal xi żmien minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija. Bis-saħħa tas-Surmast Paċifiku Scicluna u s-segretarju ta' dak iż-żmien, Benedittu Dalmas, wara l-isfrattu tal-gwerra, il-banda reġgħet ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira[17] li saret fil-Birgu fl-1945.[18] Minn dakinhar 'il quddiem, is-servizz tagħha f'din il-purċissjoni baqa' kostanti, ħlief għal meta tħassret minħabba maltemp. L-unika eċċezzjonijiet kienu s-snin 1962 u 1963, meta l-banda ma daqqitx minħabba diżgwid bejn id-diriġenti tagħha u l-awtoritajiet ekkleżjastiċi,[19] u aktar reċenti, fl-2020 u l-2021, meta l-purċissjonijiet ma sarux kawża tal-pandemija tal-COVID-19.

**Konklużjoni**

Il-parteċipazzjoni tal-banda fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu mhijiex sempliċiment tradizzjoni, imma llum nistgħu ngħidu li hija parti integrali minn din l-esperjenza spiritwali u kulturali annwali. Minkejja l-isfidi kollha li ffaċċjat matul is-snin, is-sehem tal-banda mhux biss irnexxielu jibqa' għaddej,




*Il-Banda iddoq il-marċi funebri fil-Pjazza waqt il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira*

iżda kompla jevolvi u jadatta ruħu maż-żminijiet. Dan l-impenn u dan l-ispirtu ta' kontinwità jagħmlu dan is-servizz mużikali ħolqa oħra li tgħaqqad il-passat mal-preżent.

Noti u Referenzi

Achille Ferris, Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo, 1866, p. 266.
[2] Alexander Bonnici, History of the Church in Malta, Vol. 3, Malta, 1968, p. 67.
[3] Matthew Vassallo, The Crucifix Confraternities in the Harbour Area up to 1800. Dissertation 2003. pp.20-21
[4] Arkivju Kolleġġjata Vittoriosa, Lorenzo Lanzon, Diario delle Feste, Vol. 1, f. 160.
[5] Anton Zammit Gabaretta, Il-Birgu fil-Ġimgħa ta' l-Għid, Veritas Press, 1973, p. 11.
[6] Fil-Mużew tal-Parroċċa tal-Birgu, li jinsab fl-Oratorju ta' San Ġużepp, jinsabu l-iskizi oriġinali u riproduzzjoni fotografika ta'



*Il-Banda Duke of Edinburgh takkumpanja f'waħda mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira tas-snin 70 tas-seklu 20*



*Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkumpanja fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira*

karikatura tal-purċissjoni ta' San Lawrenz li tmur lura madwar 300 sena. Din tinkludi diversi mużiċisti, koristi, fratellanzi, patrijiet, kleru, Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, il-Granmastru, gwardja tal-unur, reffiegħa tal-vara, u oħrajn. Il-karikatura, li saret minn xhud okulari, toffri stampa ċara ta' kif kienet tikkonsisti l-purċissjoni dak iż-żmien.

[7] Fl-Arkivju tal-Kolleġġjata San Lawrenz, Belt Vittoriosa, insibu Rendikont miktub bit-Taljan minn Dun Mikiel'Angelo Grima. Dan jiġbor fih l-infiq marbut mal-produzzjoni tar-relikwarju, kif ukoll l-ispejjeż relatati mat-translazzjoni tiegħu.

[8] Anton Attard, Soċjetà Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883: Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p. 35.

Fl-1862, il-parteċipazzjoni tal-baned militari ġiet ipprojbita mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Madankollu, jidher li fil-Birgu, il-parteċipazzjoni ta' xi forma ta' banda baqgħet ma ntmessitx, għax hemm konferma li fl-1867 ħadet sehem banda diretta minn Domenico Amore. Jidher li sa l-1875 din il-projbizzjoni ma baqgħetx fis-seħħ. Minn rapporti li dehru fil-ġurnali jirriżulta li waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Birgu dik is-sena, kienet indaqqet kompożizzjoni funebri li s-Surmast Privitera kien ikkompona għal din l-okkażjoni u li ġiet esegwita mill-Banda tar-R.M.F. Artillery.

[9] J.C. Camilleri, The Vittoriosa Good Friday Procession, The Malta Year Book 1988, Malta, p. 415.

[10] Anton Attard, Soċjeta' Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883, Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p.36.

[11] Lorenzo Zahra, Ġrajjiet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz 1883-1983, 1983, pp.17-18.

[12] Lorenzo Zahra, Ġrajjiet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz 1883-1983, 1983, p.18.

[13] Anton Attard, Soċjeta' Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883, Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p.37. Din il-kompożizzjoni ndaqqet mill-ġdid fit-tletinijiet tas-seklu 20, fi żmien li fih il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Paċifiku Scicluna.

[14] Anton Attard, Soċjeta' Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883, Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p.37. Taħt id-direzzjoni tas-Sumast Artz, jiġifieri bejn l-1925 u l-1927 il-Banda għaddiet minn wieħed mill-aqwa żminijiet tagħha, tant li kienet tiġbor folol kbar madwarha.

[15] Anton Attard, Soċjeta' Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883, Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p.37.

[6]Informazzjoni mgħotija lill-Awtur mill-ex-Arkivista Ġanni Pisani. Minkejja r-rikkezza ta' mużika li tipposjedi, il-Banda għandha speċi ta' proċedura fl-interpretazzjoni tal-marċi funebri li tesegwixxi qabel tingħaqad mal-purċissjoni. Qabel toħroġ il-purċissjoni, il-Banda tesegwixxi l-marċi funebri li jkun għażel is-Surmast mil-lista vasta li hemm għad-dispożizzjoni tiegħu fl-arkivju tas-Soċjetà. Imbagħad, meta tasal fil-pjazza l-istatwa ta' Kristu fl-Ort, il-Banda tesegwixxi l-marċ funebri Dolore, tal-ex-Surmast tagħha Giovanni Giumarra, filwaqt li meta tasal fil-pjazza l-Vara l-Kbira, jindaqq il-marċ funebri bl-isem Marcia Nru. 2, tal-Kanonku Dun Alwiġ Fenech.

[17] Anton Attard, Soċjeta' Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883, Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p.37.

[8] Informazzjoni mgħotija lill-Awtur minn Lorenzo Zahra, President Onorarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz.

[19] Anton Attard, Soċjetà Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883: Ġrajjietha tul 125 sena, 2008, p.38. F'dawk is-sentejn, minflok daqqet il-Banda San Lawrenz, daqqet il-Banda King's Own tal-Belt Valletta.

---

# Carlo Gesualdo da Venosa

*minn Christopher Pisani*

Sena ġdida, sfidi ġodda, u kumitat ġdid. Mill-qalb nawgura lill-kumitat il-ġdid tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Kull min jifforma parti minn dan il-kumitat għandu jkun kburi li hu parti mill-istorja mużikali u soċjali tal-Birgu. Insellem ukoll lil dawk li kienu parti mill-kumitati li għaddew. Ħdimna minn qalbna lejn il-każin ta' qalbna, u meta l-każin ikollu bżonna, aħna nkunu hemm.

Illum se niltaqgħu ma' kompożitur li għandu bijografija mhux tas-soltu. Carlo Gesualdo da Venosa (Gesualdo) twieled f'Marzu tas-sena 1566 ġewwa Venosa, li llum tinsab fil-provinċja ta' Potenza fl-Italja. Dwar it-trobbija ta' Gesualdo, insibu ftit informazzjoni. Hemm min jgħid li ommu, Geronima Borromeo, kienet tiġi minn San Karlu Borromeo u kienet ukoll in-neputija tal-Papa Piju IV. Li hu żgur hu li Gesualdo twieled f'familja nobbli u li ssemma għal zijuh. Ommu mietet meta kellu biss seba' snin, u fuq insistenza ta' zijuh, Karlu Borromeo, intbagħat Ruma biex jibda t-triq tas-saċerdozju. Hemm spiċċa taħt it-tutela ta' zijuh Alfonso, li kien id-dekan tal-kardinali u Arċisqof ta' Napli. Ħuh il-kbir, Luigi, kellu jinħatar Prinċep ta' Venosa, iżda miet fl-1584, u għalhekk it-titlu ta' prinċep għadda għand Carlo Gesualdo.

Mużikalment, Gesualdo kien miġbud ħafna lejn il-mużika. Studja taħt diversi maestri, fosthom Pomponio Nenna, Giovanni de Macque, Scipione Dentice, u Ascanio Mayone. Kien imħarreġ sew fil-kitarra (mhux eżatt kif nafuha llum) u l-harpsichord.

Meta l-vokazzjoni tiegħu sfumat fix-xejn, Gesualdo żżewweġ lill-kuġina prima tiegħu, Donna Maria D'Avalos, fl-1586. Hija kienet it-tifla ta' Carlo D'Avalos, Prinċep ta' Montesarchio, u Sveva Gesualdo. Flimkien kellhom tifel wieħed jismu Don Emmanuele. Ta' min jgħid li wara ftit taż-żmien fiż-żwieġ tagħhom, Donna Maria bdiet relazzjoni ma' Fabrizio Carafa, it-Tielet Duka ta' Andria u s-Seba' Konti ta' Ruovo.



Fil-lejl tas-16 t'Ottubru 1590, ġewwa Palazzo San Severo f'Napli, iż-żewġ maħbubin inqabdu fl-att (jew kif jingħad legalment *in flagrante*) minn Gesualdo stess. Malli rahom, qatilhom minnufih. Interessanti huwa li l-għada, l-awtoritajiet Naplitani interrogawh flimkien ma' xhieda oħra u sabu li ma kienx wettaq ebda reat. Mix-xhieda rriżulta wkoll li, wara li qatilhom, Gesualdo reġa' daħal fil-kamra tas-sodda biex jiżgura li kienu verament mietu.

Hawnhekk nistgħu niġbdu paragun mal-liġi Maltija ta' dari. F'Malta, kienet teżisti klawżola fil-liġi li kienet tippermetti li r-raġel li jaqbad lil martu fl-adulterju u joqtolha (lilha, lil maħbuba, jew lit-tnejn) li jeħel massimu ta' sitt xhur ħabs. Għalkemm liġi diskriminatorja, din tneħħiet biss madwar 30 sena ilu. F'Malta din il-liġi ntużat darba biss, fil-każ tal-qtil tal-Kavallier Claudio Pari (konslu Taljan f'Malta), meta nqatel mill-Professur George Stevens f'Ġunju tal-1894 wara li kien inqabad fl-att.

Sena wara dan il-qtil, missieru miet u għalhekk Gesualdo sar il-Prinċep ta' Venosa.

Fl-1594, Gesualdo kien irranġa biex jiżżewweġ għal darb'oħra, din id-darba lil Leonora d'Este, neputija tad-Duka Alfonso II. F'dik is-sena, mar Ferrara, li kienet iċ-

ċentru mużikali tal-Italja u famuża għall-istil tal-madrigal. Hemmhekk, Gesualdo ppubblika l-ewwel ktieb tiegħu ta' madrigali u kiteb kompożizzjonijiet għal Concerto delle Donne, grupp magħmul minn tliet nisa kantanti famużi.



Madankollu, f'dan il-perjodu Gesualdo għadda minn żmien diffiċli. Ma kienx dejjem fidil lejn martu, u kull meta ma kienx iddedikat kompletament għall-mużika, kien jidher imdejjaq ħafna. Hemm min jgħid li f'dawn il-mumenti ta' dwejjaq, kien jirrikorri għall-okkult. Fl-1603, martu Leonora bdiet proċeduri kriminali kontra dawk li kienu jmexxuh waqt is-sessjonijiet tal-okkult b'akkużi ta' sħarijiet (*witchcraft*). Kienet allegat ukoll li Gesualdo kien jabbuża minnha, u għalhekk hu spiċċa jgħix waħdu fil-kastell tiegħu.

Matul dan iż-żmien, ħajtu kienet imwarrba fil-kastell, imma dan ma waqqfux milli jkompli jiddedika ruħu għall-mużika. Peress li ma kienx nieqes mill-finanzi, kien iqabbad mużiċisti u kantanti biex idoqqu l-mużika tiegħu għalih biss.

Waħdu kien, u waħdu miet. Gesualdo miet fit-8 ta' Settembru tal-1613 fl-età ta' 47 sena. Il-mużika tiegħu hija waħda profonda u tenfasizza d-dwejjaq li kien iħoss, forsi anke rimors għal dak li kien għamel matul ħajtu. Qabel ma miet, ikkummissjona pittura tiegħu wieqaf fuq ix-xifer tal-purgatorju.

Mużikalment, il-kompożizzjonijiet tiegħu jvarjaw minn sitt kotba ta' madrigali sa 40 biċċa mużika sagra.

# Wiċċ imb wiċċ ma' Josmar Mifsud

***minn Paul Micallef***

Riċentement, meta kien ikun hemm xi attività tal-każin mal-membri tal-kumitat li naf u huma familjari għalija, dejjem kont nara żagħżugħ ta' ftit kliem iżda ħabrieki u ħawtiel li jgħin mill-qalb waqt dawn l-attivitajiet. Ma kontx naf lilu jew lin-nies tiegħu. Biex inkun onest, qatt ma kelli l-opportunità nistaqsi min hu jew kellimtu. Issa, permezz ta' din l-intervista, sirt naf li dan iż-żagħżugħ bjond huwa Josmar Mifsud, li hu mill-Kalkara, membru tal-kumitat, u nittama li hawnhekk nsiru nafuh aħjar u napprezzaw aktar il-ħidma tiegħu.

**Id-dettalji tas-soltu**
Josmar twieled fil-5 ta' Novembru tas-sena 2000 fl-Isptar San Luqa u tgħammed fil-Kalkara. Il-parrini tiegħu kienu Edwin Camilleri u Stella. Ismu, Josmar, ġie magħżul bħala l-ewwel parti, "Jos" għall-patrun tal-Kalkara, San Ġużepp, u "mar" għall-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, għax missieru huwa devot kbir tagħha.
Bħat-tfal tar-raħal, Josmar trabba fil-Kalkara, eżattament fi



Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, lejn in-naħa ta' Smart City. Din iż-żona, li tinsab fil-periferija tal-Kalkara, tmiss mal-kampanja ħadra u sabiħa, mbewwsa mal-baħar kaħlani.



**Il-Familja Mifsud**
Il-ġenituri tiegħu huma t-tnejn mill-Kalkara. Missieru, Wistin, jaħdem fil-bini, u ommu għamlet xi żmien taħdem f'fabbrika. Josmar għandu żewġ aħwa bniet: Annemarie, miżżewġa u b'żewġt itfal, u Joanne. Josmar huwa l-iżgħar tal-familja.

**Edukazzjoni**
Josmar beda l-iskola fil-kindergarten u primarja tal-Kalkara. Wara, attenda l-iskola sekondarja ta' Verdala f'Bormla u mbagħad l-iskola tas-snajja' fir-Raħal Ġdid, fejn tgħallem is-snajja' ta' mekkanik u welding. Minn hemm, kompla l-istudji tiegħu fl-MCAST u iggradwa b'Advanced Diploma fil-manutenzjoni ta' vetturi ħfief. Wara beda jaħdem ma' kumpanija tal-mekkanika, fejn għadu jaħdem hemm sal-lum.

**Student imqarqaċ**
Meta staqsejt lil Josmar kif kien bħala student, wieġeb b'sinċerità li kien kemmxejn qalil. Qalli li darba ġibed is-siġġu minn taħt is-surmast tal-mużika, li wassal biex qala' ġimgħa detention fil-ħin tal-break. Hu u sħabu kienu spiss iqajmu xi ġlieda bejn form u ieħor, u darba anki ġie mċanfar minn patri wara li kien joqgħod jitfagħlu l-boċċi tal-fjuri.

**Tfulija u Passatempi**
Josmar, bħal ħafna tfal tamparu, kien imur il-Mużew tal-Kalkara, b'mod partikolari dak tal-Kapuċċini, li kien

eqreb lejn daru. Il-preċett u l-griżma għamilhom fil-parroċċa tal-Kalkara. Wara x-xogħol, kien jgħin lil missieru fl-għelieqi fejn jiżirgħu patata, ful, piżelli, ċiċri u pastard. Irabbu wkoll xi annimali bħat-tiġieġ tas-simna, fniek u papri.
Josmar iħobb ħafna l-kampanja u mhux tip li jmur jiddeverti f'postijiet bħal Paceville. Iħobb ukoll isuqu r-rota fl-akwati tal-Kalkara.

**Involviment fil-Festa ta' San Ġużepp**
Għalkemm Josmar huwa involut fil-każin ta' San Lawrenz, għandu għal qalbu ħafna l-festa tal-patrun tar-raħal twelidu, San Ġużepp. Jgħin fil-knisja, speċjalment fil-ħruġ tal-istatwa, jerfagħha hu stess u anki jaħraq xi nar mill-għalqa tiegħu waqt attivitajiet tal-festa.

**Tiftix għall-Passatemp**
Josmar dam ħafna jesperimenta biex isib il-passatemp propju għal qalbu. Meta kellu 5 snin, mar jżfen Għawdex, iżda waqaf. Ta' 9 snin, mar jitgħallem il-vjolin Ħ'Attard iżda nduna li ma kienx għalih. Wara, kompla fil-qasam mużikali fejn tgħallem l-althorn fil-każin Mater Mariae Gratiae ta' Ħaż-Żabbar u mbagħad fil-każin tiegħu. Ugo Buhagiar, li dak iż-żmien kien assistent surmast, ħeġġu biex ikompli.

**Bandist**
L-ewwel darba li daqq mal-banda kienet waqt mass band bejn il-banda tagħhom u dik tal-Malta tal-Kalkara fl-okkażjoni ta' open day tal-kumpanija Palumbo. Daqq ukoll ma' diversi baned oħra fosthom tal-Kalkara, Our Lady of Consolation tal-Gudja u St. Anna ta' Marsaskala. Josmar ħa sehem f'esperjenza unika meta daqq fil-Vatikan fil-preżenza tal-Papa Franġisku.

**Kumitat u Ħidma Volontarja**
Fis-sena 2021, waqt il-pandemija tal-COVID-19, Josmar avviċina lill-President Bjorn Callus biex jidħol fil-kumitat. Huwa ġie milqugħ u sar membru attiv. Fost ix-xogħlijiet tiegħu hemm li jgħin lil Pawlu Bongailas bħala delegat





tal-Banda fil-libretti u l-uniformijiet. Jagħti wkoll għajnuna manwali fil-każin u fil-planċier.

**Il-Passjoni għall-Karozzi**
Il-parti l-kbira tal-passatempi ta' Josmar iduru mal-karozzi. Iħobb jara t-tlielaq f'Ħal Far u jsegwi sensiliet fuq it-televiżjoni dwar ir-restawr u t-tiswija tal-karozzi. Il-film favorit tiegħu huwa *Fast and Furious*. Iħobb ukoll jistad taħt it-tankijiet tal-films fil-Kalkara.
Josmar żar Ruma, Sqallija u Vjenna u jixtieq iżur it-Tajlandja proprju minħabba l-karozzi. Il-kulur favorit tiegħu huwa l-aħmar u jħobb kull tip ta' ikel ħlief il-ħut, minkejja li jħobb jistad. Għawdex iħobbu ħafna u l-ħolma tiegħu hija li jfaddal biżżejjed biex jixtri post hemmhekk.

**Fehmiet**
Josmar jiddeskrivi l-Birgu bħala post verament kalm u kwiet u jinsab kuntent li n-nies tal-Birgu aċċettawh sew. Iqis il-festa ta' San Lawrenz bħala sabiħa ħafna u jieħu pjaċir meta jdoqq mal-banda fuq il-planċier fil-kunċert tas-7 ta' Awwissu. Dwar is-soċjetà tagħna, għandu opinjoni tajba ħafna u jemmen li għandha futur sabiħ.

**Għeluq**
B'dak il-kliem meqjus, sellimtlu u f'isimkom awgurajtlu aktar ħidma fejjieda fil-każin. Żgur li Josmar, bniedem ta' ftit kliem iżda ta' ħafna ħidma, għandu jkun ta' eżempju u xprun għal żgħażagħ oħra biex ikunu ġenerużi u jaħdmu volontarjament għall-ġid tas-soċjetà tagħna. Prosit u grazzi, Josmar!

# Apprezzament lis-Sur Lorenzo Zahra

## President Onorarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz

Lorenzo Zahra twieled il-Birgu fis-27 ta' Diċembru 1926. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Birgu u fis-Seminarju. Xprunat mill-imħabba kbira lejn l-istorja tal-Belt Vittoriosa, huwa, flimkien mas-Sur Frans Mallia u taħt il-presidenza tat-tabib Ġiġi Buttigieg, fl-1954 waqqaf is-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa. Dan għamluh bil-għan li jħarsu l-patrimonju storiku ta' din il-belt, kif ukoll biex jippromwovu l-għarfien kulturali.

F'isem l-istess Soċjetà, huwa kien ukoll wieħed mill-fundaturi tal-Mużew tal-Knisja Parrokkjali tal-Birgu, imwaqqaf fl-1990. Bħala riċerkatur, storiku u kittieb, huwa ta kontribut kbir permezz ta' għadd kbir ta' artikli f'diversi ġurnali u rivisti, u kien ukoll awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet dwar l-istorja tal-Birgu u San Lawrenz. Fl-1983 huwa ppubblika l-ktieb: "Ġrajjiet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz 1883-1983" li fih huwa ġabar l-istorja tas-Soċjetà tagħna.

Għal ħafna snin, Lorenzo Zahra serva bħala kuratur fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann kif ukoll arkivista tal-Arkivju tal-Arċidjoċesi ta' Malta u tal-Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu. Għal snin twal, kien membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz u aktar tard inħatar President Onorarju tal-istess Soċjetà.

Fl-2007, huwa ngħata l-unur ta' Ġieħ il-Birgu mill-Kunsill Lokali, filwaqt li fl-2023 ingħata l-unur Ġieħ il-Kolleġġjata mill-Arċipriet u l-Kapitlu. Bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu fi ħdan il-Knisja Maltija, l-Arċisqof Charles Scicluna fis-sena 2018 ippreżentalu l-Midalja *Pro Ecclesia et Pontifice*. Bħala ġest ta' rikonoxxenza u apprezzament.

Lorenzo Zahra ħalla din id-dinja nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar 2025. Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz ħadet ħsieb tagħtih tislima xierqa lill-President Onorarju tagħha. Wara l-funeral li sar nhar il-Ħamis, 27 ta' Frar 2025, sar korteo, fejn it-tebut kien mgħotti bl-istandard tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Il-korteo beda mill-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' San Lawrenz, għadda mill-pjazza u waqaf quddiem is-sede tas-Soċjetà Storiko-Kulturali, fejn ingħatat tislima mill-membri tagħha. Minn hemm, il-korteo kompla lejn Palazzo Huesca, fejn il-Presidenti, flimkien ma' membri tal-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, sellmu lil Lorenzo Zahra b'daqq ta' fanfara.



Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz tesprimi l-gratitudni tagħha għall-ħidma kbira li s-Sur Lorenzo wettaq b'imħabba u dedikazzjoni lejn il-Birgu u lej is-Soċjetà tagħna. Il-kontribut tiegħu, kif ukoll is-snin li serva fil-Kumitat tas-Soċjetà, jibqgħu mnaqqxin fl-istorja u fil-qalb ta' dawk kollha li ħadmu miegħu.

## MENSWALITÀ 2025

TISTA' TĦALLAS L-AMMONT TA' €15 PERMEZZ TAR-REVOLUT FUQ IN-NUMRU 79880310, TRASFERIMENT BANKARJU FIL-KONT BOV 40025729591 IBAN NO. MT14VALL22013000000040025729591 JEW BILLI TAVVIĊINA XI MEMBRU TAL-KUMITAT

## MEMBERSHIP 2025

YOU CAN PAY THE AMOUNT OF €15 USING REVOLUT, A BANK TRANSFER ON BOV 40025729591 IBAN NO. MT14VALL22013000000040025729591, OR WITH A MEMBER OF THE COMMITTEE

# Tagħrif mill-Kċina

*minn MaryRose Gauci*



## Stuffat tal-Qaqoċċ

***Ingredjenti għall-Istuffat:***
8 qlub tal-qaqoċċ
200g basal
400g tadam
Ras tewm
Mgħarfa nagħniegħ u merqtux
4 werqiet tar-rand
600g patata
200g piżelli
Nofs kuċċarina mixed spice
50ml ilma



***Ingredjenti għall-Mili:***
2 mgħaref tursin
Mgħarfa nagħniegħ
4 mgħaref frak tal-ħobż
8 żebbuġiet
50g tonn taż-żejt

***Metodu għall-Istuffat:***
1. F'kazzola kbira, itfa' l-ilma, il-basal, it-tadam, it-tewm, in-nagħniegħ, il-merqtux, il-weraq tar-rand u l-ispajs imħallat.
2. Poġġi l-kazzola fuq in-nar u ħalli ttektek għal għaxar minuti.
3. Żid il-patata u l-qlub tal-qaqoċċ mimlija.
4. Kompli sajjar sakemm jibda jagħli, imbagħad ħalli jtektek għal tliet kwarti ta' siegħa.

---

**Nhar il-Ħadd, 2 ta' Marzu 2025, waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali, saret ukoll l-elezzjoni tal-Kumitat għas-snin 2025-2026. Hawn taħt tinsab il-lista tal-membri eletti:**




## Kumitat għas-snin 2025-2026

President:- Is-Sur Bjorn Callus
Segretarju: Is-Sur Simon Farrugia
Kaxxier:- Is-Sinjura Ilona Callus
Asst. Segretarju:- Is-Sur Adrian Vella
Asst. Kaxxier:- Is-Sinjura Christine Catania Bonello
Delegat tal-Banda:- Is-Sur Paul Bongailas
Arkivista:- Is-Sur Andrew Pisani
Membri:- Is-Sinjuri John Attard, Noel Castillo u Josmar Mifsud


VASSALLO MARBLE AND GRANITE
'ARZELLA', TRIQ L-1 TA' JANNAR 1626, ĦAL GĦAXAQ
M: 7920 4366 / 9949 2601 WWW.VASSALLOMARBLE.COM

MIFSUD GARAGE LTD.
IRONMONGERY
Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar
56, La Vallette Street, Vittoriosa
Tel: 2180 7535



OUTSTANDING VALUE ✦ WIDE SELECTION ✦ EXCEPTIONAL SERVICE
OPENING HOURS
Monday to Saturday 9 a.m to 7 p.m
Hansa Wines & Spirits Ltd.
29, Barnaba Street, Bugibba SPB1312 Malta
T: +356 2158 1111
E: info@hansa.com.mt
HansaMalta
hansa_malta


BOV PERSONAL LOANS
THE CHOICE
IS ALWAYS YOURS
All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.
More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).










SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ
BELT VITTORIOSA
A.D. 1883